# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa u Għoxrin (24) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 556/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Andy Spiteri**
**(I.D: 00151182M)**
**Angelus Spiteri**
**(I.D:00223255M)**
**Antonella Spiteri**
**(I.D: 00482186M)**
**Giuseppa Spiteri magħrufa bħala Josephine**
**(I.D: 00817155M)**
**U**
**Qormi Radiators Holdings Limited**
**(C 57509)**

**Vs**

**Japanese Autoparts Co. Ltd**
**(C 34920)**
**U**
**Vincent Birmingham**
**(I.D: 00386053M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Ġunju 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

   1. *Illi r-rikorrenti Andy Spiteri jirrisjedi fil-fond bl-isem ta' Dorlin, Angelo, Josephine u Antonella Spiteri jirrisjedu fil-fond numru 10, filwaqt li s-*

*soċjeta' Qormi Raditors Holdings Limited topera mill-fond bl-isem ta' Qormi Radiators [Shuberg] u għandha mħażen bl-isem ta' Martin's garage u Eversweet lkoll fi Triq is-Sebħ Ħal Qormi;*

2. *Illi s-soċjeta' intimata Japanese Autoparts Co. Ltd topera mill-fondi bl-isem ta' Japanese Samurai u Japanese Warrior lkoll fi Triq is-Sebħ Ħal Qormi;*

3. *Illi effettivament l-atturi u l-intimati huma ġirien u għandhom proprjetajiet kontigwi b'faċċata fuq l-istess triq u dan kif ser jiġi ppruvat u spjegat aktar dettaljatament waqt is-smigħ tal-kawża;*

4. *Illi riċentement, l-intimati waħħlu 'surveillance cameras' mal-faċċata tal-istabbilimenti tagħhom b'mod li jagħtu fuq il-proprjeta tar-rikorrenti u b' mod li bihom l-intimati ikunu jistgħu jaraw u jissorveljaw kull min u kull ħaġa li tkun dieħla u ħierġa minn ġewwa l-istabbilimenti u d-djar tar-rikorrenti u dan bl-uniku skop li jdejjqu lir-rikorrenti u jindaħlu fl-affarijiet tar-rikorrenti.*

5. *Illi bl-aġir tagħhom l-atturi invadew il-privatezza tar-rikorrenti;*

6. *Illi di piu l-aġir tal-atturi jsarraf fi ksur tal-prinċipji ta' buon viċinat u jikkostitwixxi abbuż ta' dritt da parti tal-intimati.*

7. *Illi l-intimati ġew kemm il-darba interpellati sabiex ineħħu kull invażjoni ta' privatezza, ksur ta' drittijiet u kull inkonvenjent li nħoloq bl-aġir infraskritt iżda dan kollu inutilment billi l-intimati baqgħu jippersistu l-aġir illegali tagħhom.*

8. *Illi għaldaqstant kellha ssir l-odjerna kawża.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, salv dawk il-provvediment li jidhrilha xierqa u opportuni, jogħġobha;*

1. *Tiddikjara illi l-aġir tal-intimati jew min minnhom kif deskritt fil-qosor f'dan ir-rikors, konsistenti fl-istallazzjoni ta' cameras ta' sorveljanza kif premess, jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-buon viċinat u ksur tal-Artikolu 1030 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li bl-aġir tagħhom l-intimati jew min minnhom qed idejjqu jew ifixklu b'mod inġust lill-atturi u jiksru l-privatezza tagħhom;*

3. *Tordna lill-intimati jew minn minnhom sabiex, fi żmien qasir u perentorju, ineħħu l-cameras ta' sorveljanza in kwistjoni jew alternattivament tipprovdi sabiex dawn jiġu installati b'mod li ma jkunux jistgħu iħarsu fuq il-propjeta tal-atturi u lanqas ma jkunu jistgħu jintużaw biex jissorveljaw l-aġir tar-rikorrenti u filwaqt li tiffissa terminu perentorju għat-twettiq tax-xogħolijiet rimedjali, f'każ ta' inadempjenza, tawtorizza lir-rikorrenti iwettqu l-istess a spejjeż tal-istess intimati okkorrendo taħt is-supervizjoni ta' periti nominandi;*

*Bl-ispejjeż u l-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2019, l-intimati Japanese Autoparts Co. Ltd u Vincent Birmingham laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

    1. *Illi preliminarjament l-azzjoni kontra s-soċjeta' Japanese Autoparts Co. Ltd ma tistax tirnexxi għaliex ma hijiex il-leġittimu kontradittur.*

    2. *Illi preliminarjament il-premessi fir-rikors ġuramentat u l-azzjoni promulgata fit-talbiet tal-istess rikors ġurament kif ċitat mill-arikolu nnifsu, senjatament l-Artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinsabu f'kunflitt u għalhekk jikkrejaw kontradizzjoni u dan għaliex ġjaladarba r-rikorrenti qegħdin jallegaw l-invażjoni tal-privatezza tagħhom din mhijiex l-azzjoni emulattiva kkontemplata fl-artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

    3. *Illi iktar minn hekk, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni tar-rikorrenti hi frivola u vessatorja u dan stante li l-cameras in kwistjoni huma inoperattivi u jservu biss għall-skop ta' deterrent għall-terzi dolużi u l-fatt illi r-rikorrenti naqsu milli jibagħtu ittra legali jew saħanistra ittra uffiċjali f'dan ir-rigward u dan anki kif jipprovdi l-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa nuqqas li seta' jwassal li wieħed jevita l-ispejjeż tal-kawża odjerna u għalhekk l-intimati qegħdin jipprotestaw għall-ispejjeż.*

    4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kompletament infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.*

    5. *Illi l-kawża odjerna hija frivola u vessatorja u hija kawża li komunament ġie deskritt f'sentenzi bħala kawża de minimis.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2019, l-intimati Japanese Autoparts Co. Ltd u Vincent Birmingham għamlu kontro-talba li permezz tagħha talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti jikkonfermaw illi s-soċjeta' intimata Japanese Autoparts Co. Ltd topera mill-fondi bl-isem ta' Japanese Samurai u Japanese Warrior lkoll fi Triq is- Sebħ, Ħal Qormi, ġirien mar-rikorrenti;*

    2. *Illi effettivament kienu r-rikorrenti li waħħlu 'survillance cameras' mal-faċċata tal-proprjetaiiet rispettivi tagħhom u saħansitra apparat ieħor ta' recording u dan bl-uniku intendiment li jissendikaw u jissorveljaw kull min u kull ħaġa li tkun dieħla u ħierġa minn ġewwa l-istabbilimenti minn fejn joperaw l-intimati;*

    3. *Illi huma r-rikorrenti li bl-aġir tagħhom huma qegħdin kontinwament jinvadu l-privatezza tar-rikorrenti;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-intimati qegħdin permezz ta' din il-kontro-talba jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-aġir tar-rikorrenti jew min minnhom, konsistenti fl-istallazzjoni tal-cameras ta' sorveljanza u apparat ieħor ta' recording huwa abbużiv u illegali;*

2. *Tiddikjara li bl-aġir tagħhom ir-rikorrenti jew min minnhom qed idejqu jew ifixklu b'mod inġust, abbużiv u illeċitu lill-intimati u jiksru l-privatezza tagħhom;*

3. *Tordna lir-rikorrenti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju ineħħu l-cameras ta' sorveljanza in kwistjoni u l-apparat l-ieħor ta' recording jew alternattivament tipprovdi sabiex dawn jiġu installati b'mod li ma jkunux jistgħu jħarsu fuq il-proprjeta' tal-intimati u lanqas ma jkunu jistgħu jiġu utilizzati sabiex jissorveljaw l-aġir tal-intimati u għalhekk tiffissa terminu perentorju għat-twettiq tax-xogħlijiet rimedjali, f'każ ta' inadempjenza tawtorizza lill-intimati iwettqu l-istess a spejjeż tar-rikorenti okkorrendo taħt supervizjoni ta' periti nominandi;*

*Bl-ispejjeż u r-rikorrenti rikonvenzjonati minn issa nġunti in subizzjoni.*

4. Rat illi fit-22 ta' Lulju 2019, l-atturi laqgħu għal dak mitlub fil-kontro-talba billi qajjmu s-segwenti difiża:

    1. *Illi fl-ewwel lok tiġi preliminarjament eċċepita n-nullita tat-talba rikovenzjonali u dan billi t-talbiet rikonvenzjonali intavolati mis-soċjeta' Japanese Autoparts Co. Ltd huma inkompatibli mal-ewwel eċċezzjoni preliminari imqajma minnha qua konvenuta.*

        *"Illi preliminarjament l-azzjoni kontra s-soċjeta' Japanese Autoparts Co. Ltd ma tistax tirnexxi għaliex ma hijiex il-leġittmu kontradittur"*

        *Ġaldarba is-soċjeta' rikonvezjonanti qed tallega li ma hijiex il-leġittimu kontradittur allura skontha ma teżisti l-ebda konessjoni bejn it-talba u l-kontro-talba kif rikjest ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kap.1 2 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant bl-aġir taghha qed tirrendi t-talba rikonvenzjonali odjerna inkompatibbli u insostenibbli.*

    2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost r-rikonvezjonati jiċħdu dak kollu dikjarat fit-tieni u fit-tielet paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali u dan billi kwalunkwe survillance cameras installati minnhom saru fil-konfini tal-propjeta' tagħhom u jissorveljaw biss tali konfini u bl-ebda mod ma juru jew jagħtu fuq propjeta ta' terzi;*

    3. *Illi r-rikonvezjonanti għandhom iġibu prova ta' kwalunkwe invażjoni ta' privatezza allegata minnhom;*

    4. *Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ultejuri.*

*Bl-ispejjeż.*

5. Rat illi fis-16 ta' Mejju 2022, l-intimati ressqu eċċezzjoni ulterjuri u qajjmu s-segwenti difiża u dan in segwitu ta' digriet mogħti minn dina l-Qorti fit-2 ta' Marzu 2022:

   *"Illi bla preġudizzju għal kwalunkwe eċċezzjoni oħra diġa' sollevata, il-konvenuti jeċċepixxu ulterjorment in-nuqqas ta' kompentenza ratione materia billi l-kawża tirrigwarda ilmenti dwar protezzjoni tad-data u dan skont id-diżpożizzjonijiet tal-Kap 586".*

6. Rat illi fit-8 ta' Marzu 2023, ir-rikorrenti ressqu eċċezzjonijiet ulterjuri u qajjmu s-segwenti difiża u dan in segwitu ta' digriet mogħti minn din l-Qorti fis-16 ta' Frar 2023:

   *1.Illi l-kontro-talba hija nulla billi ma hijiex kontrotalba permissibbli għall-kawża ntentata oriġinarjament la darba l-intimati rikonvenzjonati qed jeċepixxu l-kompetenza ta' dina l-Onorabbli l-Qorti".*

7. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

**Provi**

8. Rat in-nota ppreżentata mill-atturi fl-14 ta' Ottubru 2019 u rat is-serje ta' ritratti annessi magħha (fol 20-42).

9. Rat in-nota ppreżentata mill-konvenuti fl-14 ta' Ottubru 2019 u rat is-serje ta' ritratti annessi magħha (fol 43-47).

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Vincent Birmingham**, mogħtija fid-19 ta' Novembru 2019 (fol 51-52).

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Ian Deguara**, dak iż-żmien bħala Deputat Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data, mogħtija fid-19 ta' Novembru 2019 (fol 53-62) u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata minnu (fol 63-77).

12. Rat l-affidavit ta' **Antonella Spiteri**, ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2019 (fol 79).

13. Rat l-affidavit ta' **Emmanuel Grima**, ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2020 (fol 83).

14. Rat l-affidavit ta' **Andy Spiteri**, ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2020 (fol 86-87).

15. Rat l-affidavit ta' **Angelo Spiteri**, ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2020 (fol 87A).

16. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Amy Refalo** bħala Senior Legal Counsel fl-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data, mogħtija fis-17 ta' Novembru 2020 (fol 100-105) u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata minnha (fol 106-108).

17. Semgħet ix-xhieda ta' **Antonella Spiteri**, mogħtija fis-17 ta' Novembru 2020 (fol 109-118) u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata minnha (fol 119-127).

18. Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2020, ir-rikorrenti għalqu l-provi tagħhom.

19. Rat l-affidavit ta' **Vincent Birmingham**, ippreżentat fil-4 ta' Frar 2021 (fol 129-130) u rat id-dokumentazzjoni annessa miegħu (fol 131-139).

20. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' **Antonella Spiteri**, mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2021 (fol 144-163) u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata minnha (fol 164-165).

21. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' **Andy Spiteri**, mogħtija fis-6 ta' Lulju 2022 (fol 182-185).

22. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' **Emmanuel Grima**, mogħtija fis-16 ta' Frar 2023 (fol 200-203 et seq).

23. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' **Vincent Birmingham**, mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2023 (fol 208-211 et seq).

24. Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023 il-provi ġew magħluqa u l-kawża marret għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

25. Rat illi r-rikorrenti ppreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fl-14 ta' Diċembru 2023 (fol 213-222).

26. Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2023 il-kawża marret għas-sottomissjonijiet finali tal-intimati.

27. Rat illi l-intimati ppreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fis-16 ta' Frar 2024.

28. Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2024 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

29. Jirriżulta illi l-atturi u l-intimati huma ġirien. Di fatti, l-atturi kollha jirrisjedu ġewwa Triq is-Sebħ, Ħal Qormi filwaqt illi s-soċjetà attriċi Qormi Radiators Holdings Limited topera u għandha l-imħażen tagħha f'din l-istess triq. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà intimata Japanese Autoparts Co. Ltd ukoll topera minn Triq is-Sebħ, ġewwa Ħal Qormi mill-fondi bl-isem *Japanese Warrior* u *Japanese Samurai*. Illi d-direttur tas-soċjetà intimata Japanese Autoparts Co. Ltd huwa l-intimat Vincent Birmingham. B'hekk l-atturi u l-intimati għandhom proprjetajiet ħdejn xulxin.

30. Jirriżulta illi l-intimati waħħlu *surveillance cameras* mal-faċċata tal-istabbilimenti tagħhom b'mod illi, skont l-istess atturi, dawn qed jagħtu għal fuq il-proprjetajiet tagħhom.

31. Jirriżulta illi l-atturi jħossuhom osservati u mingħajr privatezza u jikkontendu li l-intimati qegħdin jissorveljaw kull min u kull ħaġa li tkun dieħla ġewwa l-istabbilimenti tagħhom u ġewwa d-djar residenzjali tagħhom.

32. Jirriżulta illi l-atturi jsostnu illi dan l-aġir da parti tal-intimati jikser il-prinċipju ta' buon viċinat u jikkostitwixxi abbuż ta' dritt da parti tal-intimati.

33. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, permezz ta' talba rikonvenzjonali, l-intimati wkoll qegħdin jilmentaw lir-rikorrenti waħħlu *surveillance cameras* mal-faċċata tal-proprjetajiet tagħhom u appartat ieħor tar-recording u dan sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jissendikaw u jissorveljaw kull min u kull ħaġa li tkun dieħla u ħierġa minn ġewwa l-istabbilimenti minn fejn joperaw l-intimati.

34. Jirriżulta illi l-intimati jħossu li tali aġir huwa invażjoni tal-privatezza tagħhom.

**Ikkunsidrat**

35. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi l-atturi qegħdin jitolbu dina l-Qorti sabiex tiddikjara illi l-aġir tal-intimati jew min minnhom, konsistenti fl-installazzjoni ta' *cameras* ta' sorveljanza jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-buon viċinat u ksur tal-Artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Qegħdin jitolbu wkoll illi bl-aġir tagħhom l-intimati, jew min minnhom, qed idejjqu jew ifixklu b'mod inġust lill-atturi u jiksru l-privatezza tagħhom kif ukoll li dina l-Qorti tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jneħħu l-cameras ta' sorveljanza jew alternattivament tipprovdi sabiex dawn jiġu installati b'mod li ma jkunux jistgħu jħarsu fuq il-proprjeta' tal-atturi u lanqas ikunu jistgħu jintużaw biex jissorveljaw l-aġir tar-rikorrenti u filwaqt li tiffissa terminu perentorju għat-twettiq tax-xogħlijiet rimedjali, u f'każ ta' inadempjenza tawtorizza lir-rikorrenti jwettqu l-istess a spejjeż tal-intimati okkorendo taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi.

36. Jirriżulta illi l-intimati eċċeppew illi preliminarjament l-azzjoni kontra Japanese Autoparts Co. Ltd ma tistax tirnexxi għaliex ma hijiex il-leġittimu kontradittur. Fil-meritu, eċċepew illi l-premessi fir-rikors ġuramentat u l-azzjoni promulgata fit-talbiet tal-istess rikors ġuramentat, senjatament l-Artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Liġjiet ta' Malta jinsabu f'kunflitt, u għalhekk jikkrejaw kontradizzjoni u dan għaliex ġaladarba r-rikorrenti qegħdin jallegaw l-invażjoni tal-privatezza tagħhom din mhijiex l-azzjoni emulattiva kkontemplata fl-Artikolu 1030 tal-Kap 16. In oltre eċċepew illi l-azzjoni tal-atturi hija frivola u vessatorja u dan stante li l-cameras in kwistjoni huma inoperattivi u jservu biss għall-skop ta' detterent għal terzi dolużi u l-fatt illi r-rikorrenti naqsu milli jibagħtu ittra legali jew ittra uffiċjali f'dan ir-rigward u dan anke kif jipprovdi l-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa nuqqas li seta' jwassal li wieħed jevita l-ispejjeż tal-kawża odjerna u għalhekk l-intimati qegħdin jipprotestaw għall-ispejjeż. Eċċepew ukoll illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li l-kawża odjerna hija frivola u vessatorja u hija kawża *de minimis.*

37. Jirriżulta illi l-intimati, fil-proċeduri odjern, ipproċedew biex intavolaw kontro-talba li permezz tagħha huma talbu sabiex dina l-Qorti tiddikjara illi l-aġir tar-rikorrenti jew min minnhom konsistenti fl-installazzjoni ta' *cameras* ta'sorveljanza u apparat ieħor ta' recording huwa abbużiv u illegali. Illi b'hekk dan l-aġir qed idejjaq jew ifixklu b'mod inġust, abbużiv u illeċitu lill-intimati u jiksru l-privatezza tagħhom u li dina l-Qorti tordna illi sabiex fi żmien qasir u perentorju l-atturi jneħħu l-*cameras* ta' sorveljanza u l-apparat l-ieħor ta' recording jew alternattivament tipprovdi sabiex dawn jiġu installati b'mod li ma jkunux jistgħu jħarsu fuq il-propjeta' tal-intimati u lanqas ma jkunu jistgħu jiġu utilizzati sabiex jissorveljaw l-aġir tal-intimati u għalhekk tiffissa terminu perentorju għat-twettiq tax-xogħlijiet rimedjali u f'każ ta' inadempjenza tawtorizza lill-intimati sabiex iwettqu l-istess a spejjeż tar-rikorrenti okkorendo taħt superviżjoni ta' periti nominandi.

38. Jirriżulta illi l-atturi għat-talba rikonvenzjonali tal-intimati eċċepew n-nullita' tat-talba u dan billi t-talbiet rikonvenzjonali intavolati mis-soċjetà Japanese Autoparts Co. Ltd huma inkompatibbli mal-ewwel eċċezzjoni preliminari imqajma minnha qua konvenuta stante illi s-soċjetà rikonvenzjonanti qiegħda tallega li mhijiex il-leġittimu kontradittur allura ma teżisti l-ebda konnessjoni bejn it-talba u l-kontro-talba kif rikjest ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi huma eċċeppew ukoll illi kwalunkwe *surveillance cameras* installati minnhom saru fil-konfini tal-proprjeta' tagħhom u li bl-ebda mod ma jagħtu fuq proprjeta' ta' terzi u li r-rikonvenzjonanti għandhom iġibu prova ta' kwalunkwe invażjoni ta' privatezza allegata minnhom.

39. Jirriżulta illi fil-mori tal-kawża l-intimati qajmu eċċezzjoni ulterjuri fejn eċċepew illi din l-Qorti mhijiex kompetenti ratione materia billi l-kawża tirrigwarda ilmenti dwar protezzjoni tad-data u dan skont id-diżpożizzjonijiet tal-Kap 586.

40. Jirriżulta illi fil-mori tal-kawża l-atturi rikonvenjonati wkoll qajmu eċċezzjonijiet ulterjuri fejn eċċepew illi kontro-talba hija nulla billi ma hijiex kontro-talba permissibbli għall-kawża ntentata oriġinarjament la darba l-intimati rikonvenzjonati qed jeċepixxu l-kompetenza ta' dina l-Qorti.

41. Din il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra t-talbiet u eċċezzjonijiet varji imqajjma.

**L-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimati dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti ratione materia**

42. L-intimati fis-16 ta' Mejju 2022 ippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri li permezz tagħha huma eċċeppew illi din l-Qorti ma hijiex kompententi *ratione materia* biex tisma' l-kawża.

43. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-Qrati huma kjamati sabiex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawża mressqa quddiemhom billi jħarsu primarjament lejn ir-rikors promutur tal-attur u t-talbiet tal-istess rikors promutur. Hekk kif spjegat kien ġie spjegat sewwa fis-sentenza fl-ismijiet: **Pawla Buttigieg et vs Doreen Portelli et**[1] fejn il-Qorti tenniet is-segwenti*:*

> *"Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, fl-4 ta' Ġunju, 2014, Avviż Numru 16/2014, fl-ismijiet, Joseph Demicoli vs Fix Limited (C-10111), fejn ukoll intqal li n-natura u l-indoli tal-azzjoni, għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri: "Il-Qorti ittenni illi sabiex tiġi ffissata n-natura vera ta` l-azzjoni li tiġi eżerċitata, wieħed irid iħares lejn il-kliem, kemm lejn dak li sostanzjalment ikun ġie mitlub fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri l-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotta.*
>
> *Issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet, Mahmoud Chehade, bin-numru tal-Karta tal-Identità maħruġa mill-United Nations Relief and Work Agency for Palestine Refugees*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2024- Rik. Ġur. Numru 16/2004

*in the Near East (UMRWA) 32015404 v. L-Avukat Ġenerali u d-Direttur Ġenerali tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, fejn intqal:*

> *"18. Meqjus li l-kwistjoni ewlenija li trid tiġi deċiża f'dan l-appell iddur madwar l-għerq tal-azzjoni tal-attur, il-Qorti titlaq billi tosserva li dak li jgħodd fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, mhuwiex tant it-tifsiriet jew inkella l-bixra li l-partijiet, tajjeb jew ħazin, jippruvaw jagħtu lill-kawża (ara f'dan is-sens Carmel sive Charles Caruana et v. Onor Prim Ministru Dr. Robert Abela bħala l-Kap tal-Gvern Malti et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 2024).*
>
> *19. Minflok, dak li tassew iħoll u jorbot kollox huwa dak li jitniżżel mill-attur fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors maħluf li bih titnieda l-kawża (ara Edward Keninwenimo Etete v. Mediatoday Company Limited, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024). Tassew, ingħad ħafna drabi, li huwa biss dak li jitniżżel fir-rikors maħluf li għandu jistabbilixxi l-qafas li fih il-Qorti għandha tħaddem il-ġudizzju tagħha (ara Anthony Busuttil et v. Jennifer sive Wendy Busuttil et, mogħija mill-Qorti tal-Appell, fit-18 ta' Jannar, 2024).*
>
> *20. Huma għalhekk il-premessi u t-talbiet li jikxfu l-għan u l-oġġett tal-kawża, li minnhom imbagħad tkun tista' tinstilet in-natura vera tal-azzjoni tal-attur (ara Vincent Ciappara et v. Nazzareno sive Reno Bartolo et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023).*
>
> *21. Ta' min jgħid li dan kollu huwa konsegwenza tal-fatt, li fis-sistema legali tagħna, huwa mħolli għal kollox f'idejn il-parti attriċi li tagħżel ix-xorta ta' azzjoni li jidhrilha li għandha tressaq sabiex tħares il-jeddijiet li tippretendi li jkollha (ara Adrian Theuma v. RLR Limited, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024). Mhuwiex għalhekk fil-kompitu tal-parti konvenuta li tipprova tiddetta x'tip ta' azzjoni kellu jniedi l-attur (ara Johanna Abela v. HSBC Bank Malta plc mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024).*
>
> *22. B'dan kollu f'moħħha, il-Qorti sejra tkun qiegħda għalhekk titlaq billi qabel xejn tixħet ħarsitha fuq dak li tniżżel mill-attur appellant fir-rikors maħluf li bih huwa beda din il-kawża."*

44. Illi huwa ċar u manifest illi fil-kawża in deżamina, dina l-Qorti ġiet mitluba, permezz tar-rikors ġuramentat tal-atturi, sabiex tiddeċiedi jekk l-aġir tal-intimati huwiex wieħed illi jikser il-prinċipju tal-buon viċinat u tal-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili - materja li mingħajr l-ebda tlaqliq u mingħajr ebda bżonn ta' argumentazzjoni approfondita, hija ċara li taqa' taħt il-kompetenza ta' din l-Qorti.

45. Illi b'hekk huma totalment żbaljati l-intimati fl-argumentazzjoni tagħhom illi din l-Qorti mhijiex kompetenti sabiex tindirizza l-ilmenti tar-rikorrenti għax l-ilmenti jirrigwardaw protezzjoni tad-data skont il-Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta.

46. L-azzjoni tal-atturi mhijiex waħda proposta taħt il-Kap 586 iżda hija waħda msejsa fuq il-ksur o meno tal-prinċipju tal-buon viċinat u tal-Artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Liġijiet

ta' Malta u *quindi* hija evidenti min-natura tal-kawża stess illi li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija kompetenti li tismagħha u tiddeċidiha.

47. In linea sekondarja u mingħajr ma' din il-Qorti bl-ebda mod ma tiddiparixxi minn dak hawn fuq dikjarat, din il-Qorti tirrileva illi kieku l-azzjoni promossa mill-atturi kienet waħda taħt il-Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza *ratione materia* wkoll ma kinitx tirnexxi għaliex il-leġislatur permezz tal-Artikolu 30 tal-Kap 586 jagħti d-dritt lil suġġett tad-data li jirrikorri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dan kif jipprovdi l-Artikolu 30 stess:

> *"Mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor li jista' jkollu, inkluż id-dritt li jirreġistra lment mal-Kummissarju..."*

48. Għalhekk, tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimati mressqa minnhom fis-16 ta' Mejju 2022.

**L-eċċezzjoni preliminari tal-intimati Japanese Autoparts Co. Ltd u Vincent Birmingham**

49. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-intimati sostnew illi l-azzjoni kontra s-soċjetà Japanese Autoparts Co. Ltd ma tistax tirnexxi għaliex ma hijiex il-leġittimu kontradittur.

50. Jingħad fl-ewwel lok, li dwar dak sostnut mill-intimati, ossia li s-soċjetà Japanese Autoparts Co. Ltd mhijiex il-leġittimu kontradittur, il-Qorti tosserva u tagħmel referenza għaż-żewġ ritratti eżebiti mar-rikors ġuramentat u mmarkati bħala Dok B (fol 6) fejn hemm indikat il-pożizzjoni tal-*cameras* in kwistjoni li fuqhom huwa msejjes l-ilment tar-rikorrenti. Il-Qorti, ma tistax ma tosservax illi mill-imsemmija ritratti jidher ċar illi dawn huma l-istabbilimenti minn fejn topera s-soċjetà intimata għaliex saħansitra fuq wieħed minnhom hemm is-sinjal '*Japanese Auto Parts*' miktub fuq l-istess stabbiliment. Dan jidher ċar ukoll minn ritratt ieħor li ġie eżebit u ċioe' dak immarkat AS22 (fol 42) u oħrajn fol 64 *et seq* u fol 70-71.

51. Illi in oltre, din il-Qorti ma tistax ma tosservax wkoll, b'ċerta tħassib u inkredulita', li attwalment kient l-intimati stess fil-kontro-talba tagħhom **jikkonfermaw illi s-soċjetà Japanese Auto Parts Co. Ltd topera mill-istabbilimenti Japanese Samurai u Japanese Warrior** (fol 13) u fl-ebda mod u fl-ebda mument tal-kawża ma ġie kkontestat mill-intimati illi r-ritratti eżebiti mir-rikorrenti, u cioe' dawk fol 5-6 u dawk permezz tan-nota datata 14 ta' Ottubru 2019 li juru l-*cameras* imwaħħlin mal-istabbilimenti ta' Japanese Auto Parts Co. Ltd, ma humiex ritratti tal-istabbilimenti Japanese Warrior u Japanese Samurai. *Quindi* huwa ċar u manifest li r-ritratti *de quo* juru l-istabbilimenti minn fejn topera s-soċjetà intimata u hemm ukoll *addirittura* referenza għall-isem tas- oċjetà fuq il-faċċata ta' wieħed dawn l-istabbilimenti.

52. Il-Qorti tirrileva wkoll illi meta l-attriċi ntavolat ilment quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data u l-uffiċju tal-Kummissarju talab is-sottomissjonijiet mingħand il-parti l-oħra, dawn is-sottomissjonijiet kienu saru minn Vince Birmingham fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur ta' Japanese Auto Parts Co. Ltd, hekk kif jidher minn fol 66:

> *"I write for and on behalf of Mr. Vince Birmingham in his capacity of director of Japanese Autoparts, Triq is-Sebħ, Qormi".*

53. Il-Qorti ma tistax ma tosservax wkoll illi minkejja li s-soċjetà intimata għażlet illi tressaq l-eċċezzjoni li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur, fl-istess nifs hija pproċediet biex tressaq ukoll kontro-talba.

54. Hawnhekk il-Qorti tqis illi għandha tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet: ***Sam Investments Limited kontra Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino; u b`digriet tat-2 ta` Mejju 2016 l-isem "Cornelius Francis sive Maurice" ġie jaqra "Cornelio Francesco"; u b`digriet tat-2 ta` Mejju 2016 l-atti tal-kawża f`isem Cornelio Francesco Scifo Diamantino ġew trasfużi f`isem Simone Diamantino bħala l-eredi universali tiegħu; u A.M. Developments Limited***[2] fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) għamlet analiżi dwar in-natura tal-kontra-talba u għamlet referenza għal diversi sentenzi u tgħid hekk:

> *"Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-6 ta` Marzu 2003 fl-ismijiet "Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia" ingħad hekk :-*
>
> *"Illi minn dan l-artikolu jirriżulta li l-leġislatur kien liberali sew, u l-intenzjoni tiegħu kienet mhux biss li tiġi eliminata l-obbligazzjoni attriċi, jew ikkompensata, iżda ukoll jekk id-domandi attriċi jiġu b` kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.*
>
> *Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex żewġ kawżi bejn l-istess partijiet jinstemgħu fi proċess wieħed, u b`hekk jiġu evitati multipliċita` ta` kawżi bejn l-istess persuni, l-interpretazzjoni tal-istess artikolu għandha tkun waħda estensiva, imbasta l-bażi tal-istess tiġi rispettata u mhux żnaturata.*
>
> *Illi għalhekk fl-interpretazzjoni tal-fonti ta` origine tal-istess kontro-talba, u cjoe` il-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn għandhom dejjem jiġu nterpretati fil-kumpless ta` ċirkostanzi li jagħtu ħajja għall-kawża u li jifformaw il-bażi tal-litigazzjoni. Dan tant huwa minnu li l-leġislatur permezz tas-subartikolu (2) jestendi l-istess għal kull mezz li bih l-azzjoni attriċi tiġi estinta, jew l-effetti tagħha jiġu newtralizzata.*
>
> *Illi dan kollu għaliex 'la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi'. (Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et – P.A. (FGC) – 15 ta` Mejju 1998).*
>
> *Illi konsistentement mal-premess, ġew ammessi kontrotalbiet anke meta l-azzjoni attriċi hija waħda kambjarja, bil-limitazzjoni tal-eċċezzjonijiet li l-istess kawża timponi u dan proprju abbażi tal-artikolu 396(2) (Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et` – RCP – 4 ta` Diċembru 1998).*
>
> *Illi dan kollu huwa konformi mal-ġurisprudenza preżenti li biha l-formaliżmu eseġerat għandu jiġi eliminat għal kollox, b`dan li wieħed għandu jagħti ħafna aktar importanza għas-sustanza milli għall-forma, u għandu jsir kull*

[2] Deċiża fit-30 ta' Mejju 2017- Rik. Ġur. Numru: 791/2012

*tentattiv sabiex jiġu salvati l-atti ġudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intiżi għal tali skop u ineffetti ikkanonizzaw il-ġurisprudenza moderna u konstanti tal-aħħar snin.*

*L-istess prinċipju ta` liberalita` fl-interpretazzjoni kien espress fis-sentenza li kienet tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Novembru 1988 fil-kawża "Dr David Tonna noe vs Boris Arcidiacono noe" fejn ingħad :-*

*"L-artikolu 396 (Kap 12) jagħti lill-konvenut id-dritt li jagħmel kontro-talba in any action. Isegwi li la l-leġislatur ma impona l-ebda limiti, dawn ma jistgħux jiġu imposti mill-qorti."*

*Fis-sentenza tat-12 ta` Diċembru 2014 fil-kawża "Shana Sloane Borg vs Kenneth Azzopardi" din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar l-Art 396 tal-Art 12 :-*

*F`sentenza tal-5 ta` Ottubru 1992 fil-kawża Pierre Abela vs Joseph Depares, din il-qorti kkummentat hekk dwar l-Artikolu 396 :*

*"L-artikolu hu redatt f`termini mill-aktar wiesgħa li jippermetti li ssir rikonvenzjoni prattikament kull fejn jirriżulta xi konnessjoni bejn il-kontendenti li jgħaqqadhom b`interess ġuridiku li mhux neċessarjament jiskaturixxi mit-termini tal-azzjoni attriċi".*

*Fis-sentenza Paul Gambin vs Frank Gambin proprio et nomine tas-27 ta` Marzu 1996, il-Qorti tal-Appell għamlet riferenza għal dak li qalet l-istess qorti fil-kawża L. Spiteri Debono nomine vs C. Darmanin (Vol. XXVII.i.886):*

*"Conseguentemente la domanda riconvenzionale puo' sorgere dalla stessa convenzione ovvero dal rapporto giuridico personale donde nasce la domanda dell`attore – oppure dallo stesso titolo che e` voce assai piu estes del contratto ovvvero convenzione – oppure dal medesimo fatto che consiste nel complesso della operazione che diede causa al rapporto giuridico…. e nel senso procedurale "fatto" significa anche `il complesso di tutte le circostanze che hanno dato causa e che formano l`oggetto di una lite`".*

55. Ġaladarba, kif jidher ċar mill-ġurisprudenza supra ċitata, qiegħda tingħata interpretazzjoni wiesgħa għall-użu u l-effett tal-kontro-talba, saħansitra dik li permezz tagħha l-konvenut, li qiegħed jipproponiha, jista' jottjeni l-estinzjoni u n-newtralizzazzjoni tat-talba attriċi u saħansitra kif hawn fuq spjegat "*la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi"*, allura hija improponibbli u kunfliġġenti illi s-soċjetà intimata fl-eċċezzjoni tagħha ssostni illi hija mhijiex il-leġittimu kontradittur iżda fl-istess waqt hija stess tintavola kontro-talba.

56. Għaldaqstant, fl-ottika ta' dawk kollu hawn fuq delinat, l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati li Japanese Auto Parts Co. Ltd mhijiex il-leġittimu kontradittur, qiegħda tiġi miċħuda.

**Meritu tal-każ**

57. Jirriżulta illi l-pern tal-kwistjoni mressqa mill-atturi hija msejsa fuq il-fatt illi, skont l-istess atturi, is-*surveillance cameras* li huma mwaħħla mal-faċċata tal-istabbilimenti tal-intimati, jagħtu u jħarsu għal fuq il-proprjeta' tagħhom u b'hekk huma jħossuhom osservati u li l-aġir tal-intimati qed jimmina l-privatezza tagħhom. In oltre, l-atturi jsostnu li dan l-aġir huwa wieħed li jmur kontra l-prinċipju tal-buon viċinat u tal-Artikolu 1030 tal-Kap 16.

58. Jirriżulta illi waħda mill-atturi, ossia Antonella Spiteri, ġia ressqet żewġ ilmenti mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data rigward l-erbgħa *cameras* imwaħħlin installati fil-faċċata tal-istabbilimenti tas-soċjetà intimata u dana wassal sabiex inbeda l-proċess ta' stħarriġ tal-ilment mill-uffiċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data.

59. Il-Qorti tosserva illi jkun opportun illi tagħmel elenku ta' ċerti fatti kif seħħew b'mod kronoloġiku:

| | |
|---|---|
| **11.10.2017** | L-attriċi Antonella Spiteri tagħmel ilment mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data |
| **20.10.2017** | L-uffiċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data talab għas-sottomissjonijiet tal-intimati (fol 64-65). |
| **25.10.2017** | Saru s-sottomissjonijiet ta' l-intimat Vincent Birmingham bħala Direttur ta' Japanese Auto Parts Co. Ltd ( Dok ID2 fol 66-71). |
| **29.11.2017** | Saret ispezzjoni mill-uffiċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data (Dok AR1 fol 106). |
| **1.12.2017** | Intbgħatet email minn Gordon Abela għan-nom ta' Japanese Auto Parts Co. Ltd b'ritratti ta' kif ġew irranġati l-*cameras* (AR1 106-108). |
| **28.12.2017** | Ingħatat id-deċiżjoni mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data (Dok MG1 fol 74-75). |
| **30.4.2018** | L-attriċi Antonella Spiteri tagħmel ilment ieħor mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data. |
| **15.05.2018** | L-uffiċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data talab għas-sottomissjonijiet tal-intimati (fol 58 xhieda ta' Ian Deguara). |
| **16.05.2018** | Email mibgħutha mingħand Vincent Birmingham lill-uffiċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data fejn informahom illi s-CCTV m'għadhomx operattivi mid-**29 ta' Marzu 2018** (Dok ID3 fol 72 u Dok 4 fol 138). |

**9.07.2018** Ingħatat id-deċiżjoni mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data (Dok MG2 fol 76-77).

60. Illi l-Qorti tqis opportun illi tagħmel ukoll referenza għax-xhieda mogħtija mid-dak iż-żmien Deputat Kummissarju, illum Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data, **Ian Deguara** fejn jispjega illi, meta l-attriċi Antonella Spiteri għamlet l-ewwel ilment u saret l-ispezzjoni mill-uffiċju tal-Kummissarju, huma kienu taw struzzjonijiet bil-fomm lill-intimati sabiex ibiddlu l-pożizzjoni tal-*cameras* in kwistjoni sabiex dawn ma jkunux qed jagħtu fuq proprjeta' ta' terzi, u di fatti fix-xhieda tiegħu mogħtija fid-19 ta' Novembru 2019, huwa qal is-segwenti: (fol 56-57)

> *Morna fuq is-sit għax ritratti diġa' kienu ġew provduti lilna iġifieri ma kellniex għalfejn nieħdu ritratti oħrajn għaliex tal-cameras fiżiċi fejn kienu mwaħħlin kellna diġa'. Pero' emm ... waqt l-ispezzjoni tkellimna magħhom. Jien kont preżenti dakinhar għax mort jiena wkoll emm ... u ordnajnielhom a voce dak il-ħin biex jirranġaw il-cameras in kwistjoni u allura jillimitawhom għall-propjeta' taghhom biss mingħajr ma jaqbdu ... iva ... u following that irċevejna snap shots ta' dawn il-cameras, partijiet minnhom kienu blanked out li jaqbdu propjetajiet terzi u ovvjament imbagħad wara dik ħriġna deċiżjoni l-ewwel waħda, emm ... datata 28 ta' Diċembru. Naf li fl-aħħar hemm 2018 pero' dak kien żball. 2017 trid tiġi".*

61. Jirriżulta illi wara tali istruzzjonijiet, l-intimati fl-1 ta' Diċembru 2017 bagħtu lill-uffiċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data, ritratti b'immaġini li juru x'qed jidher mill-*cameras,* liema ritratti kienu jindikaw illi l-cameras kienu ġew ri-pożizzjonati skond kif rikjest, tant illi minn dawn ir-ritratti, datati lkoll l-**<u>1 ta' Diċembru 2017</u>**, jidher li proprjeta' ta' terzi ma baqgħetx tidher għax dik il-parti ġiet *blanked* (Dok AR1 106-108).

62. Jirriżulta illi tali tibdil jinsab rifless fid-deċiżjoni tal-istess Kummissarju datata 28 ta' Diċembru 2017.

63. Jirriżulta, madanakollu, illi wara l-cameras reġgħu iċċaqilqu lura jħarsu għal fuq il-propjeta tar-rikorrenti, tant illi, kif spjegat mix-xhud Ian Deguara u anke mill-attriċi Antonella Spiteri fl-affidavit tagħha, f'**<u>April 2018</u>** kien reġa' sar ilment ieħor lill-Kummissarju għall-Informazjoni u Protezzjoni tad-Data.

64. Jirriżulta illi t-tieni ilment kien sar wara li l-istess rikorrenti ottjenew immaġini estratt minn *footage* datat **<u>21 ta' Diċembru 2017</u>** li juri li l-*cameras* kienu reġgħu ġew imċaqilqa, liema immaġini kien ġie ppreżentat lill-uffiċju tal-Kummissarju mill-attriċi Antonella Spiteri stess fejn, fl-affidavit tagħha tghid:

> *"jien kelli nagħmel ilment sussegwenti u ċioe' f'April tal-2018 u dan billi f'21 ta' Diċembru 2017 Japanese Autoparts kien reġa' ħa footage li juri il-propjeta' tagħna. Iżda f'dan il-każ il-Kummissarju waqaf milli jieħu provvediment u dan billi Japanese Autoparts kienu nfurmawh li tfew il-cameras"* (fol 79).

65. Illi dan il-cosi detto *'footage'* ossia, ritratt datat 21 ta' Diċembru 2017, ġie eżebit mix-xhud Ian Deguara bħala Dok ID 4 fol 73.

66. Għandu hawn jiġi rilevat illi, kif joħroġ mill-provi prodotti, meta sar it-tieni ilment, il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, din id-darba, ma kienx ħa passi kontra Japanese Autoparts u dana wara illi Vincent Birmingham għan-nom ta' Japanese Autoparts iddikjara permezz ta' email datata 16 ta' Mejju 2018 (Dok ID3 fol 72 u Dok 4 fol 138) illi *"our CCTV Cameras are not functional since 29th March 2018"* u b'hekk il-Kummissarju straħ fuq din id-dikjarazzjoni. Dan joħroġ ċar anke mill-qari tat-tieni deċiżjoni tal-istess Kummissarju datata 9 ta' Lulju 2018 (Dok MG2 fol 76-77).

67. Jirriżulta illi tul il-kawża odjerna, ir-rikorrenti jsostnu illi mhux minnu illi l-*cameras* fuq l-istabbilimenti tal-intimati jinsabu mitfija *(Vide affidavit ta' Antonella Spiteri ppreżentat fid-19 ta' Novembru 2019 fol 79, Vide affidavit ta' Andy Spiteri ppreżentat fil-5 ta' Marzu 2020 fol 86-87).*

68. Illi kif diġa' ntqal aktar 'il fuq, l-atturi permezz tal-kawża odjerna qegħdin jilmentaw illi l-aġir tal-intimati ossia li għandhom *surveillance cameras* li tagħti għal fuq il-proprjeta' tagħhom huwa wieħed illi jġegħlhom iħossuhom osservati u mingħajr privatezza u b'hekk jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-buon viċinat u tal-Artikolu 1030 tal-Kap 16.

69. Illi fl-affidavit ta' Antonella Spiteri eżebit a fol 79 hija ttenni s-segwenti:

> *"Il-cameras huma sors kbir ta' frustrazzjoni u dan billi iqiegħduk f'pożizzjoni skomda billi tħossok 24 siegħa taħt osservazzjoni ta' x'ħin tidħol u toħroġ mill-proprjeta' u fil-każ tiegħi, liema klijenti jidħlu u joħorġu mill-fond, li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-post li minnhu wkoll jiena naqla' l-għajxien tiegħi".*

70. Referenza ser ssir ukoll għall-affidavit tal-attur l-ieħor Andy Spiteri ppreżentat fil-5 ta' Marzu 2020 u jinsab eżebit fol 86-87 fejn l-istess Andy Spiteri jgħid:

> *"Dawn il-cameras qed ikunu sors ta' frustrazzjoni u dan billi kull darba iġibuni konxju illi xi ħadd qiegħed jgħasses il-movimenti tagħna mhux biss fil-ħajja privata iżda wkoll tan-negozju tagħna tant illi mhux l-ewwel darba illi klijenti komuni bejnietna jiġu jirrakuntawlna illi Vincent Birmingham joqgħod jirrakkonta x'ħin, kif u come jiena u l-bqija ta' familti nkunu qed nagħmlu barra"*[3] (fol 86).

71. L-istess isostni l-attur l-ieħor Angelo Spiteri fl-affidavit ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2020 fol 87A:

> *"Ngħid illi dawn is-security cameras joħolqu sens ta' fastidju u dan billi jien nħossni qed niġi osservat 24 siegħa kuljum u mgħasses ta' xħin dieħel u ħiereġ mid-dar kif ukoll dak li jkun qiegħed jiġri fin-negozju tiegħi, liema negozju huwa kompetitur ta' Japanese Autoparts. Mhijiex l-ewwel darba illi klijenti komuni ta' bejnietna jiġu jgħiduli illi Vincent Birmingham joqgħod jgħid x'ħin jin jew familti dħalna u ħriġna minn darna".*

72. Il-Qorti tirrileva illi waħda mill-aktar provi importanti għall-każ tar-rikorrenti, u li tul il-kawża ta' spiss issir referenza għalija, huwa r-ritratt datat **21 ta' Diċembru 2017** meħud mis-sistema tal-cameras ta' l-intimati. (Dok ID 4 fol 73).

[3] Dan jispjegah ukoll fil-kontro-eżami tiegħu li sar fis-6 ta' Lulju 2022 (fol 182 et seq-183)

73. Fix-xhieda tagħha mogħtija quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2020 l-attriċi Antonella Spiteri tgħid is-segwenti: (fol 110-112)

*"Dr Manuel Galea :*
*Mela Antonella għadek kif rajt ir-ritratt li ġie preżentat minn naħa tad-Data Protection Commissioner. Xi tgħidli waħda fuq dak ir-ritratt u fuq ritratti oħra tal-complaint sussegwenti illi inti għamilt.*

*Ix-Xhud :*
*Ok. Mela ir-ritratt li għadha kif preżentat il-Kummissarju ... il-Kummissarju tad-Data Protection ... representative huwa data 1 st December 2017[4].*

*Il-Qorti :*
*Hekk hu.*

*Ix-Xhud :*
*U jidher li hemm biċċa mill-angle tal-camera li vera hija mgħottija ... il-biċċa ta' fuq in-naħa tal-lemin sewwa. Pero' mill-istess CCTV tas-Sur Birmingham, 21 ta' Dicembru 2017 iġifieri wara, u dan id-dokument diġa' preżentat lil Qorti, hemm ritratt still meħud minn CCTV tagħhom stess fejn juri li l-angle reġghet iċċaqilqet.*

*Il-Qorti :*
*Ix-xhud qed tagħmel referenza għal ritratt illi hemm a fol 73 tal-proċess ...*

*Ix-Xhud :*
*Iġifieri wara ...*

*Il-Qorti :*
*Emm ... jekk tippermettili biss ... kompli ... kompli ... a fol 73 tal-process. All right ...*

*Ix-Xhud :*
*Fejn hemm truck orange biex niftehmu.*

*Il-Qorti :*
*Yes ... yes ... yes ... hemm truck orange in fatti.*

*Ix-Xhud :*
*Dak meħdud minn CCTV tas-Sur Birmingham stess li hu stess ippreżenta f'kawża emm ... kriminali li kellu apparti din magħna emm ... li qed juri li wara li telqu tad-data protection ... wara li ħa l-istill li għadha kif preżentat ir-rappreżentanta tad-data protection, dan reġa' ċaqlaq l-angle biex hekk jerġa' jaqbad ovvjament fil ... fil-cameras tiegħu ... fis-CCTV tiegħu l-propjeta' tagħna li tiġi bieb ma' bieb ma' Japanese Samurai għax hu għandu ...*

*Il-Qorti :*

[4] Hawnhekk ix-xhud qiegħda tirreferi għax- xhieda ta' Dr Amy Refalo u għar-ritratti fol 107-108)

*Issa jekk jogħġbok … jekk tippermettili la darba qbadna fuq ir-ritratt … dan ir-ritratt ħa nifhmu ftit jien … mela jiena għandi karozza orange …*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*Vann orange.*

*Ix-Xhud :*
*Truck iva.*

*Il-Qorti :*
*Issa l-ħanut tagħkom … correct me if I am wrong … għax intom ħanut għandkom hux hekk?*

*Ix-Xhud :*
*Ħanut u anke residenza.*

*Il-Qorti :*
*Ehe imma l-ħanut tagħkom qiegħed mela fejn hemm il … il-karozza l-blue jew dik il-griża aktar 'l hemm?*

*Ix-Xhud :*
*No fejn hemm it-truck l-orange u fejn hemm il-karozza l-blue ta' warajh.*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri l-propjeta' tagħkom hija kollha hemm hekk. Ok.*

*Ix-Xhud :*
*Plus hekk imbagħad, propjeta' tagħna li qieghda aktar 'l isfel fit-triq li joqgħod … li hija residenza emm … ta' ħija … Andy Spiteri li ukoll qiegħed bieb ma' bieb mal-Japanese Warrior li wkoll għandu CCTV fuqu.*

*Il-Qorti :*
*U dan huwa nassumi fejn hemm il-karozza l-griża? Dik il-Maruti?*

*Ix-Xhud :*
*Le mhux qed jinqabad mir-ritratt. Aktar 'l isfel …"*

Fil-kontro-eżami ta' Antontella Spiteri mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2021, hekk kif kienet ġiet mistoqsija dwar ir-ritratt a fol 73 tal-proċess datat 21 ta' Diċembru 2017 u minn fejn kienet ġabitu, hija kellha dan xi tgħid: (fol 151-153)

*"Il-Qorti :*
*Mela x-xhud qed tiġi murija ritratt li huwa dokument 73 tal-proċess.*

*Dr Martha Mifsud :*
*Ok. Mela spjegalna ftit jekk jogħġbok.*

*Ix-Xhud :*
*Mela bejn il-familja tiegħi u …*

*Dr Martha Mifsud :*
*Minn fejn ġibt dak ir-ritratt jien irrid inkun naf.*

*Ix-Xhud :*
*Yes … yes … I am going to answer to your question. Mela dak ġibtu minn kawżi oħra ok … li kien hemm bejn iż-żewġ partijiet u dak ir-ritratt huwa meħud minn CCTV ta' … ta' Birmingham li allura preżentawh fuq kawżi oħra.*

*Dr Martha Mifsud :*
*Iġifieri jiena u inti t-tnejn nistgħu naqblu li dak ir-ritratt ma ħadtux inti hux hekk?*

*Ix-Xhud :*
*Le dak huwa mis-CCTV ta' Birmingham.*

*Dr Martha Mifsud :*
*U dak ir-ritratt ma ħaduhx lanqas familjari tiegħek hux hekk?*

*Ix-Xhud :*
*Le dak huwa mill-proċess.*

*Dr Martha Mifsud :*
*U lanqas ma tista' tgħid kif tniżżel jew ittieħed dak ir-ritratt hux hekk? Inti ma rajthomx b'għajnejk iniżżlu jew jieħdu dak ir-ritratt?*

*Ix-Xhud :*
*Jiena ħadtu minn affarijiet ġuramentati ta' kawżi oħra.*

*Dr Martha Mifsud :*
*Ħadt kopja tiegħu. Naqblu li inti kopja tiegħu hawn ħadt?*

*Ix-Xhud :*
*Ehe mill-file tal-Qorti.*

*Dr Martha Mifsud :*
*Iva imma ma ħadtux inti, ma ħaduhx familjari tiegħek u lanqas rajt kif tniżżel u ġie ppreżentat jew kif ġie dak ir-ritratt, naqblu?*

*Ix-Xhud :*
*Naqbel miegħek imma noqgħod fuqu għax kien ġie ġuramentat minn fejn ġibtu, tajjeb?*

*Dr Martha Mifsud :*
*Imma dak minn fejn qed tgħid inti.*

*Il-Qorti :*

*Dan id-dokument ittieħed minn xi proċeduri oħra li hemm?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*U dawn il-proċeduri l-oħra huma bejn min?*

*Ix-Xhud :*
*Bejn Birmingham u Spiteri. Dan kien hemm argument u kien hemm ovvjament emm ... kawża tal-Qorti u bħala evidenza, in-naħa ta' Birmingham preżentaw dan is-CCTV still mill-camera tagħhom.*

*Il-Qorti :*
*Ok".*

74. Dwar minn fejn ġie dan ir-ritratt, il-Qorti tosserva illi l-attriċi kienet kostanti f'dak li ssostni u dan għaliex fix-xhieda tagħha in eżami mogħtija fis-17 ta' Novembru 2020 ix-xhud tispjega s-segwenti:

"*Ix-Xhud : Dak meħdud minn CCTV tas-Sur Birmingham stess li hu stess ippreżenta f'kawża emm ... kriminali li kellu apparti din magħna emm ... li qed juri li wara li telqu tad-data protection ... wara li ħa l-istill li għadha kif preżentat ir-rappreżentanta tad-data protection, dan reġa' ċaqlaq l-angle biex hekk jerġa' jaqbad ovvjament fil ... fil-cameras tiegħu ... fis-CCTV tiegħu l-propjeta' tagħna li tiġi bieb ma' bieb ma' Japanese Samurai għax hu għandu ...*" (fol 111).

Hawnhekk għandha ssir ukoll referenza għax-xhieda mogħtija mill-intimat Vincent Birmingham fil-kontro-eżami tiegħu li sar fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023. (fol 208-211)

*Dr Manuel Galea :*
*Mela Sur Birmingham inti fl-affidavit tiegħek tgħid ... f' biċċa minnhom fit-tieni paġna tgħid illi r-rapporti ma waqfux hawn iżda wara li jien installajt il-cameras tieghi bdejt nirċievi mar-rapporti l-oħra korrispondenza mill-Information Data Protection Commissioner b'allegazzjonijiet li l-cameras tiegħi kienu qegħdin jiġbdu fuq il-proprjetà tal-konvenut bil-għan li jien b'xi mod allegatament nispjuna fuqhom. Dak li x'għidt inti fl-affidavit ok. Mela ħa nibdew pass pass ... mela ara naqblux li f'xi mument għall-ħabta ta' Ottubru 2017 kien sar rapport mill-familja Spiteri u minn Japanese Auto Parts fejn kienu qed jgħidu li int jew il-kumpanija kontu qed tużaw il-cameras mal-faċċata tiegħek biex tgħasses fuqhom naqblu ? Li kien sar rapport dak is-sens ?*

*Ix-Xhud :*
*Jien għamilt rapport ?*

*Dr Manuel Galea :*

*Le li huma ta' Spiteri għamlu rapport fejn qed jgħidu illi inti kont qed tgħasses bil-cameras tiegħek ?*

*Ix-Xhud :*
*Iva. Kieku mhux qegħdin hawn.*

*Dr Manuel Galea :*
*Issa ara naqblux ukoll li kont irċevejt informazzjoni mingħand id-Data Protection commissioner u tramite l-avukat tiegħek inti kont bgħattilhom ittra b'numru ta' ritratti fejn kont prattikament qed twieġeb għal dak li kienu qed jallegaw huma ?*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu.*

*Dr Manuel Galea :*
*Naqblu. Ara naqblux ukoll illi f'Novembru 2017 tad-Data Protection Commissioner kienu ġew għandek biex jiċċekkjaw il-cameras naqblu?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Dr Manuel Galea :*
*Issa u ara naqblux ukoll li dakinhar tad-Data Protection Commissioner kienu qalulek biex dawk il-cameras on site tirranġahom biex juru biss il-propjetà tiegħek u ma jurux il-parking spaces ta' barra tat-triq u ma jurux in-naħa tal-Japanese ?*

*Ix-Xhud :*
*Fil fatt ġew jaraw … urejthom il … x'jismu u qaluli …*

*Dr Manuel Galea :*
*Qalulek biex tmexxihom imma ? Biex tirranġa l-pożizzjoni naqblu ?*

*Ix-Xhud :*
*Kważi kienu … naqra voldieri … naqra.*

*Il-Qorti :*
*Kellhom jiċċaqilqu ftit.*

*Ix-Xhud :*
*Naqra għax bilkemm jidher …*

*Il-Qorti :*
*Ok.*

*Dr Manuel Galea :*
*Jiġifieri naqblu illi biċċa proprjeta' …*

*Ix-Xhud :*

*Sa kemm ġibt il-propjeta' tiegħi biss.*

*Dr Manuel Galea :*
*Tajjeb qed naqblu jiġifieri biċċa mill-propjetà ta' ħaddieħor kienet qed tidher b'xi mod ?*

*Ix-Xhud :*
*Biċċa.*

*Dr Manuel Galea :*
*All right. Issa mela ħa nirriferik waħda a fol 66 ...*

*Il-Qorti :*
*66 ... 66 huwa dan id-dokument dottore ?*

*Dr Manuel Galea :*
*Iva u hemm ir-ritratti fuq wara ... li huma a fol 69 ... mela ara naqblux ...*

*Il-Qorti :*
*Ix-xhud qed jiġi muri ritratt li jidher a fol 69. Issa biex inkun għidt kollox dana jġib id-data ... qed nara d-data hawn fuq sinjuri biex niftakru ... iġib id-data tas-27 ta' Settembru ta' 2017 ...*

*Dr Manuel Galea :*
*Iva ... iva għax dik hija ma' l-ittra li kien bagħat hu fil-bidu. Ara naqblux dak l-istill ... illi huwa il-mod ta' kif kienu jidhru l-cameras mill-proprjetà tiegħek qabel ma rranġajthom ?*

*Ix-Xhud :*
*Dak il-mod ... għalhekk ressaqtu l-ilment għax kien qed imissli l-proprjeta' tiegħi.*

*Dr Manuel Galea :*
*Jien mhux dik il-mistoqsija tiegħi. Qed nistaqsik jekk dik l-istill hijiex ir-ritratt tal-cameras kif kienu jidhru qabel ma rranġajthom ?*

*Ix-Xhud :*
*L-ewwel darba ... l-ewwel ... fil-bidu nett.*

*Dr Manuel Galea :*
*All right.*

*Il-Qorti :*
*Imbagħad ġew tad-data protection u ċaqlaqthom ftit.*

*Ix-Xhud :*
*Ċaqlaqthom.*

*Dr Manuel Galea :*

*Mela inti qed tgħidilna li meta ġew tad-data protection ċaqlaqthom jiġifieri f'Novembru tas-'17 dakinhar li ġew ċaqlaqthom.*

*Ix-Xhud :*
*Xi ħaġa hekk.*

*Dr Manuel Galea :*
*Mela ħa nurik waħda fol 74 ...*

*Il-Qorti :*
*74 complaint ...*

*Dr Manuel Galea :*
*Mela ħa nara waħda l-IDPC number x'inhu tal ...*

*Il-Qorti :*
*IDPC ... 105 tas- '17 din. Naqliblek ?*

*Dr Manuel Galea :*
*Le ... sorry ... sorry ... mela fol 73 mhux 74 ... bi żbrixx ...*

*Il-Qorti :*
*73. Mela ... mela dan huwa ritratt din id-darba meħud fil-21 ta' Diċembru ta' 2017.*

*Dr Manuel Galea :*
*Ara naqblux li dak huwa still mill-camera tiegħek u li juri l-istess proprjeta l- ... istess still illi illi urejtek ta' fol 63 biex niftiehmu ?*

*Ix-Xhud :*
*Dak ma nafx bih dak ir-ritratt.*

*Il-Qorti :*
*Dan ritratt tiegħek sinjur ?*

*Ix-Xhud :*
*Ma nafx bih dak ir-ritratt jien. L-unika ritratt li nista' ngħidlek hu ... u ma niċħadx dak li qed jagħmilli ċertu tal-landa qed imissli l-propjeta tiegħi. Issa dak ma nafx bih jien.*

*Dr Manuel Galea :*
*Jien qed nistaqsik jekk dak is-sid ... dik il-loading bay u dak ... dak ix-shutter mal-ġenb u dawk il-ġiex spactions żgħar fin-nofs hux tagħrafhom ? Jekk huwiex il-camera tiegħek minn fejn ħadt inti dak l-istill ?*

*Ix-Xhud :*
*Le hemm hekk all right ... vera tiegħi hemm. Imma ma nafx bih dak jien.*

*Dr Manuel Galea :*
*Ma tafx bih imma taf li d-data hija Diċembru 2017 fuq dak l-istill ?*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu.*

*Dr Manuel Galea :*
*U taf li ...*

*Ix-Xhud :*
*Il-loading ... unloading tiegħi veru ... ma nistax niċħad pero jien ma nafx bih dak ir-ritratt ... l-uniku ritratt li seta' ħareġ dak fejn hu qed jgħattili ... qed imissli l-proprjeta' tiegħi.*

*Dr Manuel Galea :*
*Issa jien qed nistaqsik kif tista' ... kif tista' tispjegali illi wara li inti mexxejt il-cameras f'Novembru ta' '17 bl-ordni tal-kummissarju tad-data protection jeżisti still bl-istess post u fl-istess sit li ttieħed xahar wara li ngħatajt dik l-ordni ?*

*Ix-Xhud :*
*Ma nafx bih dak ... jien ma nafx bih.*

*Dr Manuel Galea :*
*Imma tikkonferma li dak huwa ... juri s-side tal-camera tiegħek ? Għidtilna qed tagħraf il-loading bay u tagħraf il-ħwienet ta' mal-ġenb ...*

*Ix-Xhud :*
*Il-loading bay tiegħi imma dak ma nafx bih.*

......

*Il-Qorti :*
*Jista' jagħti l-każ li t-tieni darba li rċevejt rikjesta inti ... kienet riżultat tar-ritratt li għadu kif qallek id-dottore ta' Diċembru ta' '17 ?*

*Ix-Xhud :*
*Dak ma nafx bih ... qed narah ... qed narah stramb dak ir-ritratt. Qed narah stramb dak ir-ritratt ... dak ... għandi dubju kbir fuqu dak ir-ritratt għax ..."*

## Ikkunsidrat

75. Meqjusa tali xhieda, il-Qorti sejra issa tanalizza l-materja in kwistjoni u l-provi prodotti matul il-kawża fid-dawl tat-talbiet rikorrenti.

76. Illi qabel xejn, il-Qorti ser tagħmel referenza għad-diversa ġurisprudenza nostrana fuq il-prinċipju tal-buon viċinat u tal-Artikolu 1030 tal-Kap 16.

77. Referenza ser ssir għas-sentenza fl-ismijiet: ***Catherine Van De Wakker Saliba vs Alexander Bonello***[5]fejn il-Qorti tanalizza b'referenza għall-ġurisprudenza oħra l-prinċipju tal-buon viċinat u tispjega s-segwenti:

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar 2024- Rik. Ġur. Numru: 246/2022

*"Il-każ odjern huwa każ illi jittratta dwar il-limiti ta' dritt ta' proprjeta', u, per konsegwenza, il-prinċipju tal-buon vicinat.*

*Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Raymond Vella et vs Gorg Mifsud et:*

*Issa in materja ta' molestja minn allegat abbuż tal-buon vicinat jinsab paċifikament assodat fid-dritt, fuq l-awtorita' tat-Torrente ("Manuale di Diritto Privato", paġna 251) illi wieħed mill-limiti ewlenin imposti fuq l-eżerċizzju tal-jedd ta' proprjeta' huwa dak li ma jilledix, ifixkel, jillimita jew jinibixxi l-eżerċizzju ta' l-istess dritt tat-terz. Dan l-awtur ifisser ruħu b'dan il-mod:- "I limiti posti nell'interesse privato concernano la proprieta' immobiliare e regolano i rapporti tra la proprieta' vicine (rapporti di vicinato) ... La disposizioni sui limiti legali mirano appunto a contemperare questi diritti reciproci, assicurandone la coesistenza e la possibilita' di esercizio; in sostanza disciplinano i diritti e i doveri di vicinato.";*

*Kapostipiti ta' dan it-tagħlim fil-ġurisprudenza tagħna nirriskontrawh fid-deċiżjoni, ormai locus classicus, fl-ismijiet "Bugeja -vs- Washington", Appell 5 ta' Mejju 1897, a Vol XVI P I p38; u fejn ġie ritenut illi "il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farvi le modificazioni che crede convenienti cessa la' ove si reca grave molestia al vicino." Għad-determinazzjoni tal-gravita', dejjem skond din l-istess sentenza, wieħed irid iħares lejn ix-xorta tagħha kif ukoll lejn il-qagħda tal-fond u l-anterjorita' tal-pussess.*

*Fl-istess sens id-deċiżjoni fl-ismijiet "Giuseppe Caruana -vs- Antonio Zammit", Appell Ċivili, 21 ta' April 1961 a Vol XLV P I p 159. Fi kliem ieħor "la molestia, che il vicino puo' far cessare, deve essere grave, cioe non facilmente tollerabile" – "Vincenzo Meli -vs- Giuseppe Calleja", Appell Ċivili, 5 ta' Frar 1908, a Vol XX P I p 114.*

*Ta' l-istess fehma kienet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza reċensjuri tagħha tat-30 ta' Ġunju 2000 fil-kawża fl-ismijiet "David Camilleri nomine –vs- John Camilleri";"*

78. Fis-sentenza fl-ismijiet: ***Noel Pisani et vs Adam Bartolo***[6] ***il-Qorti wkoll tagħmel analiżi tal-prinċipji tal-buon viċinat u tipprovdi kif ġej:***

*"Għall-fini tal-każ in eżami, huma rilevanti l-prinċipji ta` l-buon viċinat kif kienu trattati fil-ġurisprudenza tagħna mal-medda tas-snin.*

*Is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Ġunju 1952 fil-kawża "Giacomo Muscat vs Giuseppe Falzon" kien tittratta azzjoni istitwita minn viċin kontra viċin ieħor minħabba allegata molestja. Il-Qorti għamlitha ċara illi l-viċin għandu jissaporti l-molestja li jarrekalu l-viċin, meta l-molestja ma tkunx gravi, u molestja ma tkunx gravi, jekk ma teċċedix il-limiti tat-tolleranza.*

[6] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' April 2016- Rik. Ġur. Numru: 13/2006

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-appell fis-27 ta` Ġunju 1955 fil-kawża "Pio Bezzina vs Giacomo Galea" ingħad hekk :- ... il-proprjetarju għandu d-dritt li juża liberament mill-fond tiegħu u li jagħmel fih dawk il-modifikazzjonijiet li jidhirlu konvenjenti, anki jekk b` hekk huwa jippriva lill-viċin minn xi vantaġġ, purche` ma jarrekalux molestja gravi. B` mod li, jekk din il-molestja ... ma teċċedix dak il-limiti ta` tolleranza li jikkostitwixxi l-vera miżura tal-bon vicinat, il-viċin għandhu jsofri dik il-molestja u ma għandux id-dritt jeżiġi ċ-ċessazzjoni tagħha u jitlob indennizz minħabba l-preġudizzju li tkun ikkaġunatlu; imma jekk l-inkomodu lilu arrrekat ikun gravi, jiġifieri ma jkunx faċilment tollerabbli, dak l-inkomodu jkun inġust, u l-viċin jista` jeżiġi ċ-ċessazzjoni tiegħu.*

*Biex jiġi stabbilit jekk il-molestja hijiex gravi, għandhom jiġu meħudin in konsiderazzjoni mhux biss in-natura tal-molestja imma anki l-pożizzjoni u d-destinazzjoni tal-fondi ...".*

79. Referenza ser issir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet: ***Perit William Carbonaro et vs Raymond Vassallo et***[7] fejn il-Qorti analizzat l-Artikolu 1030 tal-Kap 16 fil-kuntest tal-buon viċinat fejn qalet is-segwenti:

*"L-Art 1030 kien eżaminat f`diversi kuntesti partikolarment in konnessjoni mad-dritt ta` proprjeta` u l-eżercizzju ta` dan l-istess dritt fl-ambitu tal-prinċipji ta` buon vicinat. Infatti l-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet imsemmija fin-nota ta` referenzi tal-atturi huma sentenzi mogħtija f`dak il-kuntest fejn dejjem kien sottolinjat illi min jeżerċita d-drittijiet tiegħu barra mill-ġusti limiti għandu jħallas tal-ħsara li jagħmel.*

*Fost oħrajn, l-atturi jirreferu għal sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawża fl-ismijiet "Charles Grima noe vs John Caruana" fejn intqal : "Ċertament ħadd ma hu eżenti li jagħmel użu tal-jedd tiegħu bil-qies li jmiss u jekk hekk ma jagħmilx, kellu jinżamm responsabbli għall-konsegwenzi u kellu jirrispondi għall-ħsara li tiġri b'tali abbuż. Il-liġi fl-artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili ma tiddistingwix bejn jekk l-użu ta` jedd ikunx eżerċitat kostantement jew f'terminu ta' żmien limitat. Il-kriterju jibqa` wieħed u uniformi, dak il-jedd jiġi użat bil-qies. Jekk ma jiġix hekk użat, hu x`inhu t-tul ta` żmien, min jabbuża fl-eżerċizzju tal-jedd irid jirrispondi għal għemilu. Dan naturalment ma jfissirx illi l-ġar jista` joġġezzjona għal kull inkonvenjent gravi anke meta dan ikun temporanju u jkun inerenti max-xogħol ta` żvilupp tal-proprjeta` u max-xorta u n-natura tal-kostruzzjoni illi jkun jeħtieġ li jagħmel il-viċin. Il-prinċipju stabbilit illi l-proprjetarju kellu d-dritt li jiżviluppa l-proprjeta` tiegħu u li l-ġar kellu jissaporti l-inkonvenjent, sakemm dan isir, jibqa` salv, b` dan pero` illi l-proprjetarju jew il-kuntrattur minnu inkarigat ma setgħax jeċċedi l-qies illi tesiġi l-liġi u jikkaġuna inkonvenjent gravi li ma kienx normalment mistenni minnu. Hu dan l-eċċess tal-qies li kien ċensurabbli u li għalih l-appellant għandu jirrispondi. Hu ġust li jingħata rimedju għal dak li finalment ikun abbuż ta` l-eżerċizzju tad-dritt ta` proprjeta` u mhux użu leġittimu tiegħu. Li jfisser li mhux kollox u bla rażan jista` jsir f'isem l-iżvilupp u l-progress." (ara ukoll "Is-soċjeta'*

[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2016- Rik. Ġur. Numru: 361/2011

*APS Bank Limited vs is-soċjeta' Amalgamated Building Contractors Limited" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta` Ottubru 2001)".*

80. Abbażi tal-ġurisprudenza hawn fuq ċitata u tal-prinċipji li jemanu minnha, l-Qorti tibda billi tosserva illi jidher ċar illi l-*cameras* tal-intimati kienu oriġinalment mqiegħda b'tali mod illi mhux biss jagħtu fuq il-proprjeta' ta' l-intimati iżda jidher illi kienu intenzjonalment qed jagħtu wkoll fuq proprjeta' tar-rikorrenti. Dan joħroġ ċar mir-ritratt fol 69 datat **27 ta' Settembru 2017** u ċioe' datat **qabel** ma ġie intavolat l-ewwel ilment mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data da parti tal-attriċi Antonella Spiteri.

81. Jirriżulta illi, wara li sar l-ewwel ilment u beda l-proċess quddiem l-imsemmi Kummissarju, saret spezzjoni f'Novembru tas-sena 2017 mill-uffiċju tal-istess Kummissarju fejn bil-fomm ordna lill-intimati sabiex iċċaqilqu l-pożizzjoni tal-*cameras* stante illi dawn kienu jagħtu fuq proprjeta' ta' terzi, liema ordni ġiet rispettata mill-intimati. Di fatti, kif irriżulta mill-provi, l-istess intimati bagħtu ritratti datati **1 ta' Diċembru 2017** (fol 107-108) lill-Kummissarju tad-Data fejn juru li dak ordnat lilhom kien attwalment sar u li b'hekk il-*cameras* jagħtu biss għal fuq il-proprjeta' tagħhom.

82. Jidher, madanakollu, illi l-istess intimati ma tantx damu biex reġgħu biddlu l-pożizzjoni lura tal-*cameras*.

83. Jirriżulta, di fatti, illi ritratt eżebit minn Ian Deguara, wera stampa differenti, fejn id-data fuq tali ritratti kien **21 ta' Diċembru 2017** – għoxrin ġurnata wara r-ritratt meħud u mibgħut lill-Kummissarju tad-Data u Provatezza. Illi b'hekk b'dan l-aġir l-intimati mhux biss marru kontra l-ordnijiet tal-Kummissarju tad-Data, liema ordnijiet kienu ċari, iżda baqgħu jippersistu li jħallu l-*cameras* tagħhom fuq proprjeta' tar-rikorrenti.

84. Abbażi ta' tali fatt inkonfutabbli, il-Qorti tqis illi mhux verosimili dak mistqarr mill-intimat Vincent Birmingham fix-xhieda riportata aktar kmieni hawn fuq, fejn meta mistoqsi fuq ir-ritratt datat 21 ta' Diċ embru 2017, huwa qal ripetutament li ma jafx bih u li qed jarah stramb. Hija ċara li, l-immaġini li juri dan ir-ritratt u l-mod ta' kif inhi miktuba d-data, ġejja mill-*camera* tal-intimati, liema ritratt huwa issa mqiegħed mill-ġdid fuq il-propjeta' tar-rikorrenti.

85. In oltre, l-Qorti tosserva illi għalkemm, tul il-kawża u anke fit-tieni ilment imressaq mill-attriċi Antonella Spiteri lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data, l-intimati jaffermaw illi l-*cameras* huma mitfija u ilhom mitfija mid-29 ta' Marzu 2018, ma hemmx prova inekwivokabbli ta' dan, ħlief ix-xhieda ta' Vincent Birmingham kontra dik tar-rikorrenti li, da parte tagħhom, jsostnu u ppreżentaw ritratti fejn il-*cameras* jidhru bil-bozza mixgħula. Lanqas ma hi prova li tista' toqgħod fuqha l-affidavit ta' Emmanuel Grima (Dok EG1 fol 83).

86. Illi b'hekk il-Qorti ser tistrieħ bħala prova inkonfutabbli u inkriminanti fuq ir-ritratt datat 21 ta' Diċembru 2017 fejn jidher b'mod ċar kristallin illi l-pożizzjoni tal-*camera* kienet b'tali mod illi turi l-proprjeta' tar-rikorrenti. Infatti hekk kif inhu stabbilit fil-kawża: ***Louis Chetcuti vs Francis Agius,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)[8]:

[8] Deċiża fit-28 ta' Frar 1997

*"Il-qorti m'għandhiex u ma tistax tikkonsidra sitwazzjonijiet ipotetiċi, imma trid tiddeċiedi fuq fatti li avveraw ruħhom –"iuxta allegata et probata."*

87. Ikkunsidrat dan, il-Qorti ser issa tgħaddi biex tistħarreġ dan kollu fl-ottika tat-talbiet rikorrenti u ċioe' li tali aġir jikkostitwixxi ksur tal-buon viċinat u tal-Artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

*"Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu".*

88. Mill-ġurisprudenza imsemmija aktar 'il fuq, joħroġ ċar illi l-ġar għandu jissaporti u jittollera l-molestja ta' ġar ieħor <u>basta li ma tkunx waħda gravi</u>. Molestja għandha titqies bħala waħda gravi meta <u>teċċedi l-limiti tat-tolleranza</u>. Fil-każ odjern, filwaqt illi għandu jiġi asserit illi kulħadd għandu dritt illi jinstalla *cameras* ta' sigurtà sabiex jipproteġi ħwejġu u sabiex jintużaw ukoll bħala deterrent, madanakollu huwa minnu wkoll illi tali *cameras* għandhom ikunu ppożizzjonati b'tali mod illi jiġbdu, sa fejn possibbli, biss il-proprjeta' ta' dak li jkun u mhux jagħtu għall-proprjeta' ta' terzi. Meta, madanakollu, l-cameras jagħtu b'mod estensiv għal fuq propjeta' ta' terzi, u mingħajr il-kunsens tagħhom, allura l-jedd li wieħed għandu biex jissalvagwardja l-proprjeta' u l-affarijiet tiegħu jkun qiegħed jimmina u jilledi d-dritt ta' l-ieħor għal privatezza tiegħu - b'hekk jeċċedi l-limiti ta' tolleranza u tal-"qies" li fuqu jitkellem l-Artikolu 1030 tal-Kap 16.

89. Illi fil-każ in deżamina u mill-provi prodotti, jidher ċar illi l-aġir tal-intimati u l-pożizzjoni tal-*cameras*, kif jidher b'mod lampanti fir-ritratt a fol 73 jikser il-prinċipju tal-buon viċinat għaliex jeċċedi l-limiti ta' tolleranza. *Cameras* ta' sigurtà illi jagħtu fuq, b'mod estensiv, proprjeta' ta' terzi u li jirrekordjaw id-dħul u l-ħruġ tat-terz mill-proprjeta' tiegħu, kif inhu dan il-każ, jikser id-dritt tal-buon viċinat. Sabiex dan ma jkunx il-każ, il-ġar li għandu cameras tas-sigurtà installati mal-proprjeta' tiegħu għandu jara dejjem u f'kull ħin illi dawn qegħdin juru dak li qed jiġri fil-konfini tal-proprjeta' tiegħu.

90. Illi ta' dan il-ħsieb kienet ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili meta quddiemha ġie mressaq mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet: ***Joseph Mamo pro et noe vs Fiorentina Darmania Jochimsen***[9]. Allavolja l-mandat ma ordnatx il-ħruġ tal-mandat stante li falla t-test tal-irrimedjabilita' tal-preġudizzju, li huwa importanti hu l-prinċipju enunċat mill-Qorti fejn sostniet illi:

*"Il-Qorti però tqis illi bil-fatt innifsu illi l-camera qed tirrekordja d-dħul u ħruġ tal-okkupanti tal-blokka dan jista' jikser id-dritt tal-buon viċinat protett skond il-ġurisprudenza nostrana u dan hu dritt li skond ir-rikorrenti qed jinkiser bl-intrużjoni ta' din il-camera li tqis id-dħul u ħruġ tagħhom".*

## Kontro Talba

91. Jirriżulta illi l-intimati, intavolaw ukoll kontro talba fejn għamlu talba identika għal dik magħmula kontra tagħhom mir-rikorrenti, iżda din id-darba għar-rigward il-cameras tar-rikorrenti illi, allegatament, jagħtu għal fuq il-propjeta' ta' l-intimati.

92. Jidher illi l-pern tal-kontro-talba tal-intimati huwa msejjes fuq il-fatt illi l-aġir tar-rikorrenti konsistenti fl-installazzjoni ta' *cameras* ta' sorveljanza u apparat ieħor ta'

[9] Mandat deċiż fit-3 ta' Ġunju 2014 bin-numru 678/2014/1

*recording* huwa abbużiv u illegali u li dan l-aġir idejjaq, ifixkel b'mod abbużiv u illeċitu lill-intimati u jikser il-privatezza tagħhom.

93. Madanakollu, fil-provi tagħhom, l-intimati ppreżentaw affidavit ta' Vincent Birmingham (fol 129-130). Illi fl-ebda mument tal-affidavit tiegħu ma jagħmel aċċenn għall-*cameras* ta' sorveljanza installati mir-rikorrenti u bl-ebda mod ma jispjega kif l-installazzjoni tagħhom qed ikollha impatt u qed timmina l-privatezza tiegħu. Filwaqt illi bħal ma għamlu r-rikorrenti, huwa jippreżenta ritratti li juru l-pożizzjonament ta' tali *cameras* (fol 44-47) huwa xorta jonqos milli jispjega u jipprova kif dan qed joħloqlu inkonvenjent u preġudizzju.

94. Il-Qorti tinnota wkoll illi meta saru s-sottomissjonijiet bil-miktub wara l-ewwel ilment tal-attriċi Antonella Spiteri (fol 66-67), l-intimat Vincent Birmingham a nom ta' Japanese Autoparts Co. Ltd isemmi illi r-rikorrenti għandhom ukoll *cameras* installati iżda jieqaf hemm: *"Also, kindly note that the complainant himself, the owner of 'Radiators', also has two CCTV's installed".*

95. Illi in oltre, l-Qorti, b'referenza għall-affidavits tar-rikorrenti Antonella Spiteri (fol 79), Andy Spiteri (fol 86-87) u Angelo Spiteri (fol 87A) tirrileva illi huma stess, fl-affidavits tagħhom, jispjegaw illi huwa minnu li fuq il-proprjeta' tagħhom għandhom *cameras* installati, iżda dawn jagħtu għal fuq il-proprjeta' tagħhom biss.

96. Il-Qorti tinnota li l-intimati tul il-kawża naqqsu milli jipprovaw illi dak li qed jaffermaw ir-rikorrenti m'għandux mis-sewwa. Dan jidher ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati fejn naqqsu milli jġibu argumenti u jittrattaw il-kontro-talba avvanzata minnhom.

97. B'hekk il-Qorti ma tistax tqis illi dak promoss mill-intimati fil-kontro-talba tagħhom ġie provat.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha tar-rikorrenti għall-kontro talba, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet tal-intimati promossi fil-kontro-talba tagħhom.

**Tilqa'** t-talba tar-rikorrenti kif dedotta kif ġej u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi l-aġir tal-intimati, kif jidher fir-ritratt tal-21 ta' Diċembru 2017, konsistenti fl-installazzjoni ta' *cameras* ta' sorveljanza illi jagħtu estensivament għal fuq il-propjeta' tar-

rikorrenti jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-buon viċinat u ksur tal-Artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tiddikjara** illi bl-aġir tagħhom l-intimati qed idejjqu jew ifixklu b'mod inġust lill-atturi u jiksru l-privatezza tagħhom;

**Tordna** lill-intimati sabiex dejjem u f'kull ħin jassiguraw ruħhom illi l-*cameras* kollha installati fil-proprjeta' tagħhom ikunu pożizzjonati **biss** fuq il-proprjeta' tagħhom u li fl-ebda mument u ċirkostanza ma għandhom jħarsu fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti.

Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jreġġgħu lura l-cameras sabiex iħarsu biss fuq il-propjeta ta' l-intimati f'każ illi dana ma jseħħx fi żmien ġimgħa minn meta s-sentenza tiġi res ġudikata, okkorrendo bl-assistenta tal-Pulizija jekk ikun hemm bżonn.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tal-intimati.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**